# Kunsill Reġjonali Lvant

MINUTI

Laqgħa b'URĠENZA tar-Reġjun Numru 6

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

It-Tnejn 16 ta' Mejju, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur John Pillow – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija **(onlajn)**
Dott. Dean Hili –Sindku Pembroke **(onlajn)**

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Anthony Camilleri –Viċi Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

6.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda ittra ta’ apoloġija

## 6.2 Sejħa fuq bażi Reġjonali għal Ġbir ta’ Skart Domestiku

6.2.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, irringrazzja lill-membri preżenti talli kienu preżenti għal din il-laqgħa b’urġenza u nforma lill-membri li għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll l-Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-*Waste Management*, is-Sur Ryan Zammit.

6.2.2 Is-Sur Chircop spjega dwar il-laqgħat li nżammu dwar din is-sejħa matul il-ġranet li għaddew u spjega kif l-informazzjoni li għandha tinħareġ f’din is-sejħa qatt ma kienet għand ir-Reġjun qabel il-Ġimgħa 6 ta’ Mejju 2022, filgħaxija.

6.2.3 Is-Sur Chircop spjega kif din il-preżentazzjoni li ser tingħata llum hija provduta mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali u kull informazzjoni fiha ġiet mgħotija lilna sabiex kull membru preżenti jkun infurmat dwar l-aħħar punti li ġew inklużi jew emendati.

6.2.4 Is-Sur Chircop qal ukoll kif nhar it-Tnejn 9 ta’ Mejju 2022 saret laqgħa bejn is-Segretarju Eżekuttivi u l-uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-*Waste Management* fejn kien preżenti d-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Chris Galea, fejn l-ewwel *draft* ġie diskuss u proposti ġew immressqa minn dawk preżenti.

6.2.5 Il-President spjega li d-data sabiex tiġi ppublikata din is-sejħa kienet għal nhar it-Tnejn 16 ta’ Mejju 2022, pero nhar it-Tnejn 9 ta’ Mejju 2022 ir-Reġjuni ġew infurmati li din is-sejħa ser ikollha tinħareġ nhar il-Ġimgħa 13 ta’ Mejju 2022.

6.2.6 Is-Sur Chircop spjega kif l-Erbgħa 11 ta’ Mejju 2022, fl-għaxra ta’ bil-lejl, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv irċievew komunikazzjoni mingħand is-Sur Chris Galea sabiex ikunu preżenti għall-laqgħa b’urġenza li kienet ser tinżamm l-għada fis-sagħtejn u nofs ta’ wara nofsinhar.

6.2.7 Is-Sur Chircop żied jgħid kif wara li reġgħu ġew diskussa l-ispeċifikazzjonijiet dwar dan is-sejħa, l-Onor. Zefara Civelli nfurmat lil dawk kollha preżenti li din is-sejħa ser tiġi ppublikata fuq is-sistema ta’ l-EPPs nhar it-Tlieta 17 ta’ Mejju 2022.

6.2.8 Is-Sur Chircop informa lill-membri ki fgħal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Onor. Alison Zerafa Civelli, is-Segretarju Permanenti, is-Sa. Joyce Dimech, il-President ta’ l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Mario Favaid-Direttur għall-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Chris Galea flimkien ma’ membri oħra, fosthom is-Sur Kris Sultana, mid-Direttorat għall-Ambjent u t-tibdil fil-klima, flimkien mal-maġġoranza tal-Presidenti Reġjonali, is-Segretarji Eżekuttivi kollhta tal-Kunsilli Reġjonali kif ukoll l-Uffiċjali Maniġerjali responsabli mill-*Waste Management*.

6.2.9 Is-Sur Zammit mexa mal-preżentazzjoni u ġew spjegatli l-punti kollha li kien hemm provdut.

6.2.10 Is-Sur Chircop ta spjegazzjoni dwar l-iskeda ta’ xogħol li hu mistenni li jsir matul din is-sena sabiex il-kuntratt fuq bażi Reġjonali jkun jistà jibda minn Novembru 2022.

6.2.11 Is-Sindku ta’ Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, staqsa x’ser tkun il-pożizzjoni ta’ dawk il-Kunsilli Lokali li l-kuntratt tagħhom ikun għadu ma ġiex magħluq. Hu żied jgħid li d-Dipartiment kien għadu kif tahom direzzjoni li l-kuntratt tagħhom jiġi estiż għal sa’ l-aħħar dan is-sena bil-possibilità li jkun jistà jerġa jiġġedded.

6.2.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota dwar dan u ser tkun qed tressaq din il-mistoqsija lid-Dipartiment.

6.2.13 Il-membri preżenti għamlu diskussjoni dwar il-ħin tal-ġbir ta' skart u ġibdu l-attenzjoni li l-ħinijiet fejn fih jinġabar l-iskart fil-preżent ma kienx korrett. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota dwar dan sabiex wara din il-laqgħa tkun tistà tibgħat komunikazzjoni lis-Sur Chris Galea dwar il-punti li ġew imqajma f'din il-laqgħa.

6.2.14 Kien hemm diskussjoni wkoll dwar il-possibilità li kull lokalità tikkunsidra li l-ġbir ta' l-iskart fuq bażi Reġjonali ma jkunx kollu matul il-ħin ta' filgħodu imma għandhu jkun imqassam matul il-ġurnata kollha skond l-ispeċifikazzjonijiet imnizzla f'din il-preżentazzjoni.

6.2.15 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu sabiex f'din is-sejħa pubblika għandu jkun hemm inkluż li dan ir-Reġjun għandu jirriserva d-dritt li l-ħinijiet jinbidlu skond il-ħtiġijiet tar-Reġjun tul il-validità tal-kuntratt.

6.2.16 Waqt il-preżentazzjoni, kien hemm referenza għal kif ser tkun il-proċedura kull darba li xi ħadd iressaq ilment dwar dan is-servizz. Il-President informa lill-membri li fil-laqgħat li nżammu mid-Diviżjoni fakkru li kull Kunsill Lokali għandu jkollu il-*Contracts Manager* u f'każ li Kunsill Lokali m'għandhux dan il-persuna fil-preżent, il-presuna ta' kuntatt għal dan is-servizz ser tkun is-Segretarju Eżekuttiv rispettiv.

6.2.17 Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett kienet waħda fit-tul u ħafna mill-membri espremew id-diżappunt tagħhom għal maġġoranza tal-kriterji. Manadakollu kulħadd apprezza li ġie mgħoti dan it-tagħrif lejliet il-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa pubblika.

## 6.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.3.1 Il-laqgħa intemmet fit-tmiegħa neqsin ħamsa filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2022.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 20 ta' Mejju, 2022.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv